**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum Il-Hamis, 27 ta' Gunju, 2019**

Numru 10

**Rikors Guramentat Nru. 151/2019**

**GO p.l.c.**

**vs**

**Hiesham Al Jarray u**
**b'digriet tal-25 ta' April 2019**
**Dr Charmaine Cherrett u P.L. Joeline Pace Ciscaldi**
**gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw**
**lil assenti konvenut Hiesham Al Jarray**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tat-18 ta' Frar, 2019 li jghid hekk:

1. L-intimat ikkuntratta mas-socjeta rikorrenti in konnessjoni ma' provizjoni ta' servizzi cellulari fuq in-numru 79798787;

2. Illi in konnessjoni mas-servizzi mertu ta' din il-vertenza, l-intimat ghandu jaghti lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf disa' mija u sitta u erbghin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€22,946.88);

3. Illi l-intimat gie interpellat biex ihallas, izda baqa' inadempjenti;

4. Illi sa fejn taf is-socjeta rikorrenti, l-intimat ma ghandu l-ebda eccezzjoni x'jaghti f'din it-talba;

5. Illi Joseph Dimech huwa mpjegat tas-socjeta rikorrenti fil-vesti ta' Senior Manager, Credit Control, u jaf b'dawn il-fatti personalment wara li ivverifika mall-informazzjoni fil-pussess tas-socjeta rikorrenti;

6. Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi, is-socjeta GO p.l.c. titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u provvedimenti opportuni:
(i) Tiddeciedi dan ir-rikors bid-dispensa tas-smigh a tenur taI-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u
(ii) Tikkundanna u tordna lill-intimat sabiex ihallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf disa' mija u sitta u erbghin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€22,946.88);

BI-ispejjez u d-drittijiet tal-prezenti, u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qieghed jigi intavolat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali, kontra I-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li tghid hekk:

1. Illi l-esponenti ghadhom ma humiex edotti mil-fatti;

2. Illi l-esponenti jirriservaw li jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri jekk kemm-il darba l-esponenti jirnexxilhom ikunu edotti mil-fatti u jsir kuntatt mal-assenti.

Salv eccezzjonjiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tal-attur;

Id-difensuri tal-partiijiet iddikjaraw li ma kellhomx sottomissjonijiet finali;

Mill-atti tal-kawza jidher illi l-konvenut naqas fl-obbligi tieghu fil-konfront tas-socjeta attrici l-ftehim milhuq mieghu u ghalkemm interpellat sabiex jikkonforma ruhu ma' dak miftiehem baqa' inadempjenti. Ghalhekk il-Qorti tqis illi s-socjeta attrici hija gustifikata fit-talbiet tieghha.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenut Hiesahm Al Jarray ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf disa' mija u sitta u erbghin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€22,946.88) bilanc dovut

rigward provizjoni ta' servizzi cellulari fuq in-numru 79798787 skont it-talbiet u dokumenti esebiti, bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur